**Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**JANNAR - DIĊEMBRU 2019**

**Is-Seba' Kunsill Lokali 2015 -2019**
**It-Tmin Kunsill Lokali 2019-2024**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **11** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Matul is-sena finanzjarja 2018 il-Kunsill kellu tibdil fil-mod kif isir id-deprezzament tal-assi fejn sar id-deprezzament fuq is-sena kurrenti f'daqqa flok fuq medja t'għaxar snin u għal dik is-sena partikulari il-Kunsill Lokali spiċċa b'defiċit kbir.

Għall-kuntrarju, din is-sena il-Kunsill għamel sforz biex il-fondi jiġu utilizzati b'iktar effiċjenza sabiex il-Kunsilli jersqu lejn lokalitajiet sostenibbli u t'eċċelenza.

Matul din is-sena komplew is-seminars organiżżati in maġġior parti mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-laqgħat ma' diversi entitajiet, saru diversi attivitajiet għall-anzjani u korsijiet edukattivi wkoll.

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, huwa magħmul minn 9 Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tliet impjegati klerikali fl-Uffiċċju, kif ukoll *works co-ordinator* fuq barra.

**<u>Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Seba' Kunsill</u>**

**Sindku Stefan Cordina**
Amministrazzjoni Ġenerali, Finanzi, Ippjanar, Proġetti, Editur Rivista, Twinning, Żgħażagħ, Anzjani, Jum Ħ'Attard, Kultura, Infrastruttura, Żoni u Ambjent

**Viċi Sindku Mark Anthony Spiteri**
Librerija Pubblika, Żgħażagħ, Jum Ħ'Attard, Politika Soċjali, Twinning

**Kunsillier Marisa Abela**
Kummerċ, Komunikazzjoni, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier Connie Scerri**
Ambjent, Rispett għall-annimali, Assistent f'Jum Ħ'Attard

**Kunsillier Alexander Mangion**
Edukazzjoni, Residenti Barranin, Fondi EU

**Kunsillier John Debono**
Immaniġġjar tat-Traffiku, Taħriġ fix-xogħolijiet, Sport

**Kunsillier Alfred Zammit**
Indafa, Ġonna Pubbliċi, Dawl tat-toroq

**Kunsillier Raymond Azzopardi**
Servizzi Pubbliċi, Saħħa

**Kunsillier Ralph Cassar**
Wirt Storiku, Turiżmu, Librerija Pubblika, Mobbilta, Fondi EU

**<u>Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fit-Tmin Kunsill</u>**

**Sindku – Stefan Cordina**
Infrastruttura, Proġetti, Jum Ħ'Attard/Ġieħ Ħ'Attard, Kultura, Finanzi, Anzjani, Komunitajiet, Editur Fuljett, Ġemellaġġ, Dawl tat-Toroq

**Viċi-Sindku – Alex Mangion**
Żgħażagħ u tfal, Saħħa u Mobilità

**Kunsillier – Remigio Bartolo**
Ġemellaġġ, Jum Ħ'Attard, Kultura, Turiżmu, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier – Dr. Silvio Brincat**
Innovazzjoni, Librerija Pubblika, Wirt Storiku

**Kunsillier – John P. Bonnici**
Qasam Soċjali, Integrazzjoni, Politika Soċjali

**Kunsillier – Dr. Helen Caruana** Edukazzjoni, Fondi EU, Indafa u Ambjent

**Kunsillier – Victor Galea**
Sports, Attivitajiet Fiżiċi, Ambjent Geografiku

**Kunsillier – Connie Scerri**
Sports, Ġonna Pubbliċi, Harsien tal-annimali

**Kunsillier – Perit Giorgio Schembri**
Indafa, Ambjent, Immaniġġjar tat-traffiku, Fondi EU

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 sa 31 ta' Diċembru 2019 fis-seba' u tmin leġislatura inżammu tnax (12) –il laqgħa, u l-attendenza kienet hekk:

Is-Seba` leġislatura

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Mark Anthony Spiteri | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 3 | Ralph Cassar | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 4 | Alexander Mangion | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 5 | Marisa Abela | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 6 | Connie Scerri | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 7 | John Debono | 6 | 3 | 3 | 0 | 50% |
| 8 | Alfred Zammit | 6 | 5 | 0 | 0 | 83% |
| 9 | Raymond Azzopardi | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |

It-Tmin Leġislatura

| | KUNSILLIERA | LAQG ĦAT | PREŻE NTI | SKUŻAT /A | ASSEN TI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Helen Caruana | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 3 | John P. Bonnici | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 4 | Alexander Mangion | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 5 | Connie Scerri | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 6 | Victor Galea | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 7 | Remigio Bartolo | 6 | 5 | 1 | 0 | 83% |
| 8 | Silvio Brincat | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| 9 | Giorgio Schembri | 6 | 5 | 1 | 0 | 83% |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta hekk:

| | |
|---|---|
| Marica Mifsud | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Yanica Sammut | Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Karen Fsadni | Uffiċjal Eżekuttiv (Amministrazzjoni) |
| Diandra Borg | Skrivana (Amministrazzjoni) |
| George Borg | Works Co-ordinator (Xogħolijiet fuq barra) |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Attard | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur John C Vella | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur Henry Caruana | Engineering Resources Ltd |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Matthew Bondin LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Dieter Falzon A&CE |

Matul ix-xhur ta' din is-sena wkoll, permezz ta' skemi private jew pubbliċi, studenti minn diversi skejjel kemm lokali, kif ukoll barrani, kienu assenjati fuq xogħol amministrattiv.

Dawn in-nies huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem f'ħidmietu. Inħossni kburija li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalità kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2019 kienet ta': | €740,229 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €93,818 |
| Dħul Supplimentari mill-Gvern | €46,010 |
| **Dħul minn Bye-laws ta' €3,671** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 3,671 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €3,740** | |
| Dħul minn kontravvenzjonijiet | - |
| Aministration fees + LESA | € 3,740 |
| **Interessi** | - |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €42,238** | |
| Servizzi Komunitarji | - |
| Sale of books and other mechandise | €8 |
| Dħul Ġenerali | - |
| Dokumenti/ u *Information Charges* | - |
| Dħul mill-*Media* | - |
| Donazzjonijiet | €200 |
| Kontribuzzjonijiet | - |
| Refużjoni | €25 |
| Insurance Claims | - |
| Dħul minn Permessi | € 42,005 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2019 kien ta'** | **€ 929,706** |

**L-INFIQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €152,733 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 13,650 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 16,900 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 35,413 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 77,758 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 9,012 |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €38,574** | |
| Propjeta' Pubblika | € 11,782 |
| Toroq u Bankini | € 13,456 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €8,887 |
| Marki tat-traffiku | € 2,544 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 1,397 |
| *Għodda* | € 458 |
| *Tiswijiet oħra* | - |
| *Tiswijiet* | - |
| *Propjeta' tal-Kunsill* | €50 |

| **L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €544,556** | |
|---|---|
| Waste Disposal | € 90,619 |
| Ġbir ta' Skart | € 207,461 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | € 26,355 |
| Kiri ta' *Skips* | € 4,125 |
| Bring-in Sites | - |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 116,038 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | € 16,714 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 11,244 |
| *Cleaning Services* | - |
| *Other Contractual Service* | - |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 46,015 |
| *Clean. & Main. Soft Areas* | €5,112 |
| *Street Lighting* | € 11,220 |
| *Cleaning – Council Premises* | € 1,150 |
| *Experts* | € 6,318 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 2,185 |
| | |
| **Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** | **€ 583,130** |

| **Amministrazzjoni u spejjeż oħra €170,504** | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 12,770 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | € 5,135 |
| Kera | € 145 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Nazzjonali u Nternazzjonali | € 2,286 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 26,524 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 11,358 |
| *Lease of equipment* | € 1,516 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 5,584 |
| *Insurance Cover* | € 4,779 |
| *Bank Charges* | € 395 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 35,497 |
| *Training* | € 1,204 |
| *Travel* | € 153 |
| *Social Events* | € 8,256 |
| *Cultural Events* | € 7,169 |
| *Entertainment* | € 1,234 |
| Donazzjonijiet | €1,080 |
| Conference Expenses | - |
| *Provision for doubtful debts* | (€ 790) |
| *Bad Debts Written Off* | € 57 |
| *Depreciation* | € 46,152 |
| Inventory Written Off | - |

| **L-Infiq Totali għas-sena 2019 kien** | **€ 906,367** |
|---|---|

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Korsijiet**

Ġew organizzat korsijiet tal-Lifelong Learning ġewwa l-iskola Primarja Tumas Dingli, Kulleġġ San Nikola. Fost dawn il-korsijiet kien hemm; Basic Digital Photgraphy u Crochet .

Għal din is-sena wkoll komplejna noffru korsijiet tal-kompjuter fejn ġew offruti korsijiet ROBOTICA kif ukoll CODING u EM Citizens Courses**.**

**5K u 10K Road Race**

Din is-sena l-Kunsill Lokali reġa' organizza t-tlielaq bil-għajnuna tal-Malta Marathon Association. Bħal kull sena l-Kunsill kellhu feedback tajjeb mingħand il-parteċipanti kollha li ħadu sehem. Il-konkorrenza tal-atleti dejjem qegħda tibqa' togħla. Infatti kull sena jintlaħaq record ġdid!

**Saħħa**

Kienu 418-il persuna li marru ġewwa l-berġa sabiex jieħdu l-vaċċin kontra l-influwenza din is-sena. Infermjiera intbagħtet mill-Kunsill sabiex toffri dan is-servizz lill-kommunità ta` Ħ`Attard.

Matul din is-sena wkoll offrejna s-servizz tal-Blood Donation Unit.

**Il-ħarsien soċjali**

L-attivitajiet għall-anzjani komplew għaddejin bħas-snin ta` qabel. Trasport kif ukoll ikel ġie provdut għal waqt l-attivitajiet tal-grupp tas-Sant'Anna 60+.

Il-Kunsill organizza kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina u presepju b`affarijiet riċiklati fejn kienet miftuħa għat-tfal kollha ta' Ħ'Attard.

F'Novembru reġa` ġie organizzat Jum Ħ'Attard fejn waqt din is-serata ingħataw il-'Ġieħ Ħ'Attard' kif ukoll l-'Unur Ħ'Attard'.

Matul ix-xahar ta' Diċembru ġie organizzat Bazaar b'risq Smiling with Jerome kif ukoll ġiet organizza kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina u presepju b`affarijiet riċiklati fejn kienet miftuħa għat-tfal kollha ta' Ħ'Attard.

**Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilità**

Il-Kunsill Lokali għal din is-sena wkoll kompla r-rampi ma' postijiet pubbliċi kif ukoll f'bankini sabiex ikun hemm aċċess aħjar.

## Immaniġġjar tat-Traffiku

Komplejna bil-ħidma sabiex jiġu mplimentati diversi miżuri ġodda tat-traffiku ġewwa diversi toroq ġewwa r-raħal. Rigward il-problema tat-traffiku, beda x-xogħol fuq ic-Central Link Project li huwa intenzjonat li jnaqqas ħafna mit-traffiku dieħel u ħiereġ minn Ħ`Attard.

Inħarġet skema ta` manutenzzjoni u kostruzzjoni ta` toroq mill-ġdid mill-Gvern. Waħda mit-toroq li kienet imsemmija min-naħa tal-Gvern kienet Triq il-Pitkali, pero' il-Kunsill kien tal-opinjoni li għadha fi stat tajjeb u għalhekk għamel insistenza li minflokha ssir Triq Kananea. Fil-fatt f`din it-triq beda` x-xogħol u mistenni jkun lest fis-sena 2020.

Barra minn hekk saru diversi sleeping policemen, linji u marki tat-toroq ġodda madwar ir-raħal. Sar ukoll manutenzzjoni ta` gandotti fi Triq il-Linja, Triq l-Għarix u fil-Pjazza tal-Knisja.

## Separazzjoni tal-Iskart

Bħal kull sena, erġajna ppubblikajna l-kalendarju li juri x'tip ta' skart għandu jinħareġ ġurnata b'ġurnata. B'hekk ninkoraġixxu lir-residenti kollha sabiex isegwu l-iskeda u nevitaw skart li jinħareġ ħażin,li ma jkunx ser jinġabar f'dik il-ġurnata partikolari.

L-Iskart tal-ġonna baqa' jinġabar fl-istess ħin li jinġabar l-iskart domestiku kull nhar ta' Sibt.

Kompla jinġabar ukoll l-iskart organiku. Il-Kunsill kompla ukoll is-servizz tat-tqassim tal-boroż il-bojod flimkien mat-tqassim tal-boroż il-ħodor. Dawn baqgħu jitqassmu b'xejn.

Matul is-serata organizzata mill-Greenpak il-Kunsill kien nominat għall-premju tal-'Best Overall Performace' u ingħata s-somma ta' €250.

Għal-10 sena konsekuttiva reġgħet ġiet organizzata wkoll l-EkoFesta. Inizzjattiva sabiex inkomplu nħeġġu lil kull min ikun armat ibiegħ ikel u xorb waqt il-festa jirriċikla l-iskart li jiġi ġġenerat waqt l-istess attivita'.

Tneħħew il-Bins ġewwa l-Bring in Site ta` Triq il-Mosta, minħabba li ma kienux qed jieġu mbattlin regolari u għalhekk kien qed ikun hemm rimi ta` skart madwar il-bins.

Ġewwa Ta` Qali bdew jitqassmu l-4 bins tas-separazzjoni tal-skart lir-residenti ta` Malta kollha.

## Wirt Storiku

Tkompliet il-ħidma fuq il-proġett tar-restawr tal-Embankment kif ukoll il-bini mill-ġdid l-istazzjon tal-Ferrovija fejn għandha tiġi rilokalta il-Librerija Pubblika. Wara li ngħatajna l-fondi u beda x-xogħol is-sena li għaddiet, ix-xogħol tkompla din is-sena u hu pjanat li dan il-proġett jiġi finalizzat kompletament sas-sena 2021.

Matul din is-sena ġiet ukoll approvata l-applikazzjoni ta` restawr tal-Kappella ta` Sant Anna bil-fondi ta` Restawr. Hu pjanat ukoll li jsir xi xogħol bl-għajnuna tal-Kunsill fuq il-Kappella ta' San Pawl li qed issoffri minn ħsarat strutturali.

## Proġetti Kapitali

L-Ikbar proġett kapitali tal-Kunsill ta` din is-sena huwa r-restawr tal-Embankement b`investiment ta` €151,444.74

## Żjarat

F'Ottubru, l-Kunsill ltaqa' mal-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Dr. George Vella permezz ta' viżita ta' kortesija ġewwa l-Palazz ta' San Anton bħala parti mill-laqgħat tiegħu mal-Kunsilli Lokali ta` Malta li fiha ġew diskussi l-problemi fost affarijiet oħra li jiġu affaċjati minnha bħala Kunsill.

Għal darb oħra, s-Sna Michelle Muscat żaret l-uffiċini tagħna bħala parti mill-inizzjattiva tal-Pink October.

## Inizzjattivi

Il-Kunsill xegħel il-faċċata tiegħu matul żminijiet partikolari bil-kuluri roża, vjola u blue sabiex inkomplu noħolqu għarfien fuq il-mard tal-kanċer fis-sider, il-fibromyalgia u l-awtiżmu.

## 3.3 ORGANIZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar b`l-involviment u bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv jiġbor fih s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċità l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istrutturi tas-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

L-irwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma għal-lokalita',l-Amministrattur,is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien possibli.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f`dak li jkun ser iwettaq il-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

Bl-istruttura mħaddna fuq dawn il-prinċipji għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq xogħolu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jitħol fid-dettall kollhu għall-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol u attività tal-Kunsill f'Ħ'Attard, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol li ma` jidhirx, xogħol li jkun maħsub, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jikkontribwixi għas-suċċess kbir li l-Kunsill Ħ'Attard qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Dis-sena erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegat fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li kien hemm kif ukoll tressqu dawk ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi terġa' tkun fix-xogħol ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti u l-effettività.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' *teamwork*, għaliex b'team t' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċerta li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma bla waqfien tal-Kunsill ta' Ħ'Attard għal din is-sena 2019. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-aħħar xhur tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill u fil-bidu tal-ewwel xhur tat-Tmin leġislatura, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.



**Marica Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

| Statement of Income and Expenditure | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 880,057 | 768,332 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 3,641 | 2,507 |
| Income raised under Local Enforcement System | 3,740 | 6,774 |
| General Income | 42,238 | 40,185 |
| | **929,706** | **817,798** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (152,733) | (153,321) |
| Operations and maintenance | (583,130) | (500,929) |
| Administration and other Expenditure | (170,504) | (423,953) |
| | **(906,367)** | **(1,078,203)** |
| **Operating surplus for the year / period** | **23,339** | **(260,405)** |
| Finance Income | 79 | 99 |
| Finance Costs | (9) | (21) |
| | 23,409 | (260,327) |
| Loss on sale of assets | - | (81) |
| **Profit/Loss for the year** | **23,409** | **(260,408)** |

***Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)***

**Statement of Affairs**

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 313,607 | 264,729 |
| Intangible Assets | 589 | 841 |
| | **314,196** | **264,570** |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 2,146 | 2,172 |
| Receivables | 143,806 | 101,300 |
| Cash and cash equivalents | 220,452 | 222,954 |
| | **366,404** | **326,426** |
| **Total Assets** | **680,600** | **591,996** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 281,184 | 257,775 |
| **Total Equity** | **281,184** | **257,775** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Deferred Income | 278,097 | 182,506 |
| | **278,097** | **182,506** |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 121,319 | 151,715 |
| | **121,319** | **151,715** |
| **Total Liabilities** | **399,416** | **334,221** |
| Total reserves and liabilities | **680,600** | **591,996** |

***Statement of Changes in Equity* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)***

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 January 2018** | **518,183** | **518,183** |
| Loss for the year | **(260,408)** | **(260,408)** |
| **At 31 December 2018** | **257,775** | **257,775** |
| | | |
| **At 1 January 2019** | **257,775** | **257,775** |
| Profit for the year | **23,409** | **23,409** |
| **At 31 December 2019** | **281,184** | **281,184** |

***Cash Flow Statement* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)**

**Statement of Cash Flows**

| | 2019 | | 2018 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net loss/profit for the year** | 23,409 | | (260,408) | |
| Reconciliation to cash generated from operations | | | | |
| Depreciation | 46,152 | | 297,371 | |
| Loss on disposal of assets | - | | 81 | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | (790) | | (226) | |
| Bad debtors written off | 57 | | - | |
| Inventory written off | - | | 7,180 | |
| Reclass from property plant and equipment to income | (2896) | | (942) | |
| Interest payable | 9 | | 21 | |
| Interest receivable | (79) | | (99) | |
| Operating profit before working capital changes | **65,862** | | **42,978** | |
| Decrease in inventories | **26** | | **134** | |
| (Increase)/decrease in receivables | **(8,355)** | | **(15,295)** | |
| (Increase)/decrease in other receivables | **(16,718)** | | **7,361** | |
| (Increase) in payables | **(38,235)** | | **40,026** | |
| (Decrease) in other payables | **7,839** | | **9,007** | |
| Government grant released | **-** | | **-** | |
| Cash generated from operating activities | | **10,419** | | **84,211** |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | **79** | | **99** | |
| Purchase of property, plant & equipment | **(94,782)** | | **(162,583)** | |
| Receipt of grant | **81,791** | | **67,665** | |
| Cash generated in investing activities | | **(12,912)** | | **(94,819)** |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| Interest paid | **(9)** | | **(21)** | |
| **Cash used in financing activities** | | **(9)** | | **(21)** |
| **Net Increase in cash in the year** | | **(2,502)** | | **(10,629)** |
| Cash and equivalents at beginning of year | | **222,954** | | **233,583** |
| **Cash and equivalents at end of year** | | **220,452** | | **222,954** |

**<u>Rapporti ta' Ħidma</u>**

**Stefan Cordina – Sindku ta' Ħ'Attard**

Din hija id-disa' sena u r-raba leġislatura tiegħi bħala Sindku ta' Ħ'Attard sa minn meta fil-15 ta' Ġunju 2011 ġejt maħtur Sindku ta' din il-lokalità. Minn dak in-nhar il-ħidma tiegħi ma waqfitx. Poġġejt bi ħgari u b'ruħi f'siġġu li ma kontx qatt qed nistenna li hu daqshekk impenjattiv.

Fil-verità ftit hu l-ħin li għaddejt bil-qegħda għax li tkun kap ta' entità iġġib magħha ċertu dmir lejn il-komunità. F'din it-Tmin Leġislatura jien erġajt tennejt il-ġurament solenni li kont ħadt snin qabel, dak li nservi u naqdi bl-aħjar mod lir-residenti kollha u kien għalhekk ukoll li barra l-piżijiet li ġarrejt snin qabel iddeċidejt li nitgħabba ftit iktar u ħadt dawn ir-responsabbiltajiet kollha fuq spallejha:

> Infrastruttura, Proġetti, Jum Ħ'Attard/Ġieħ Ħ'Attard, Kultura,
> Finanzi, Anzjani, Komunitajiet, Editur Fuljett, Ġemellaġġ,
> Dawl tat-Toroq

Dawn ir-responsabbiltajiet kollha jolqtu s-setturi kollha li dan il-Kunsill hu msejjes fuqhom dak tal-ambjent, toroq, indafa, progress, soċjalizazzjoni, diverġenzi li jwasslu għall-kollaborazzjonijiet effettivi, komunikazzjoni u sostenibbilità. Kien għalhekk li fil-bidu tal-ħatra tiegħi sibt mezz li bih inkun viċin ir-residenti u ħloqt flimkien ma' kollegi Kunsilliera preċedenti grupp fuq fb li fih bdiet titwassal kull informazzjoni lir-resident. Bqajt viċin l-istess residenti tul is-snin billi tajt attenzjoni lil kull ilment li daħal fl-uffiċċju amministrattiv, iltqajt ma' nies li kellhom problemi li waħidhom ma setgħux jirrisolvu, attendejt kull laqgħa tal-Kunsill u tar-Reġjun li preżentament jien Viċi President tiegħu.

Nieħu ħsieb ukoll u nagħmel mezz li nkun preżenti wkoll fiżikament waqt ix-xogħolijiet li jkunu qed isiru madwar ir-raħal mill-ħaddiema tal-Kunsill. Ma tonqosx il-preżenza tiegħi kostanti fl-Uffiċċini tal-Kunsill sabiex nagħti daqqa t'id lis-Segretarju Eżekuttiv u sabiex flimkien dan ir-raħal ikollu l-attenzjoni li tixraqlu.

Matul is-sena 2019 saru bosta xogħolijiet infrastrutturali li dan ir-rapport ma qgħadtx jidħol f'kull wieħed minnhom direttament: bankini żgħar, traqqiegħ, bini ta' culverts mill-ġdid, rranġar ta' ġonna, marki tat-toroq, attivitajiet żgħar b'kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet lokali, korsijiet u ħafna oħrajn. Spiss inwasslu informazzjoni lir-residenti permezz ta' ittri personaliżżati u fuljetti fid-djar sabiex inkunu iktar viċin ir-residenti speċjalment meta jkunu ħa jiġu affettwati b'xi bidla partikulari fit-triq tagħhom. Bħal meta saret il-bidla fl-immaniġġjar tal-iskart u l-Kunsill permezz ta' suġġeriment li għaddejt fl-2013 ħareġ u qassam f'kull dar kalendarju tal-iskart sabiex ir-residenti ta' Ħ'Attard u dawn resident f'Ħ'Attard imma ta' nazzjonalità barranija jkunu nfurmati fi x'ħin irid joħroġ l-iskart u x'għandu joħroġ f'liema ġurnata.

Jien mhux sa nonqos billi nkompli ħidmieti f'dan il-Kunsill u bħal ma ħdimt biex ta' kull sena jkollna Kunsill u raħal aħjar se nkompli naħdem biex intejjeb l-għixien ta' kull resident.



Stefan Cordina

**Remigio Bartolo – Kunsillier**

After 5 years out of the Attard Local Council, in May 2019 I have been re-elected as a Councillor. During our first Council meeting, I have been assigned by the Mayor, the following portfolios: Twinning Programs, Public Relations and Communications, Culture and Social Activities including "Jum H` Attard"

In November 2019 I together with the Mayor, the Executive Secretary and other Councilors, organized Jum H` Attard 2019 which also including the awarding of Gieh H` Attard/Unur H` Attard to a number of residents who with their dedicated work during the years proved to be an asset to our Locality.

Due to the fact that San Anton Palace falls under the jurisdiction of Attart and so HE the President is a Citizen of Attard, I organized a courtesy visit on HE Dr George Vella by the Mayor and all the Council members.

I was also involved in the first phase of the restoration of the Attard Railway Station embankment. The second phase is to continue in 2021.

The Attard Local Council has been twinned for over 6 years with the Local Council of Elancourt in France. During the years sever reciprocated visits have been organized by the two Councils. This year the Local Council of Elancourt had invited our Council to participate in a Gathering meeting in Elancourt which included other Councils from UK, Germany and Italy. We managed to rope-in other organizations from Attard who showed their interest to participate in the Gathering. It included the La Stella Lavantina Band Club, the Attard Subbuteo Club, the Attard Scouts Group and the Attard Primary School. Due to the fact that this Gathering was scheduled for May 2020, it had to be postponed for 2021 due to the Coved-19 pandemic.

In February our Mayor had a request from the Comune of Gela to start discussion regarding the possibility to start a twinning program with them. The Mayor, the Executive Secretary and I had an introduction meeting with Dr Ivana Legname from

the Comune of Gela at our offices in Attard where we were invited to participate at an assembly in Gela in May 2020. As in the case of Elancourt this meeting has been postponed for 2021 due to the Coved-19 pandemic.

Remigio Bartolo

**Dr. Silvio Brincat – Kunsillier**

Ġejt elett wara li kkontestajt l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali, għall-ewwel darba, fuq il-lokalita` ta' Ħ'Attard, fil-25 ta' Mejju 2019. Ħadt il-ġurament tal-ħatra fit-18 ta' Ġunju 2019 u bdejt il-ħidma tiegħi fl-1 ta' Lulju 2019, wara li s-Sindku Stefan Cordina għogbu jafdali tlett oqsma important, li huma: l-Innovazzjoni, il-Librerija Pubblika u l-Wirt Storiku.

Matul dan il-perjodu tkompla x-xogħol ta' restawr fuq l-*Embankment* tal-Linja tal-Ferrovija l-Qadima. Dan il-proġett ġie parzjalment iffinanzjat mill-*European Regional Development Fund* tal-Unjoni Ewropeja (80%) u l-kumplament (20%) mill-fondi nazzjonali. It-tieni fażi ta' dan il-proġett għandha titkompla fl-2021.

Bdejt u għadni qed insegwi l-proċess li ser iwassal għall-bini mill-ġdid tal-Istazzjon tal-Ferrovija, liema proġett sejjer jinkorpora Ċentru tal-Informazzjoni u Librerija Pubblika ġdida. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jikkonserva l-wirt kulturali (kemm lokali, kif ukoll nazzjonali) billi jżid l-għarfien dwar l-istorja tal-Vapur tal-Art f'Malta. Barra minn hekk l-istess proġett għandu wkoll l-għan li jħajjar aktar residenti, u partikolarment dawk ta' eta` tenera, sabiex jiskopru jew irawmu l-imħabba għall-qari.

Eżemplari ieħor tal-wirt kulturali li bih hu mogħni Ħ'Attard hija l-kappella ta' San Pawl, ġojjel arkitettoniku tas-seklu 18. Il-proġett tas-*Central Link* ħoloq sfida ġdida għall-konservazzjoni tal-kappella u kien, u għadu, sors ta' tħassib minħabba r-riskji li jġib miegħu. L-użu ta' makkinarju tqil u ż-żieda ta' traffiku, l-aktar vetturi kbar, fil-viċinanza tal-kappella, jikkawża theżżiż fl-art u għalhekk, possibilment, aktar ħsara lill-kappella. Bis-saħħa tal-ħidma ta' ħafna nies, mhux l-inqas tas-Sur Reno Saliba, li ilu jieħu ħsieb din il-kappella għal dawn l-aħħar snin, sar sforz kollettiv biex il-Kunsill Lokali, flimkien ma' l-awtoritajiet Ekklesjastiċi ġewwa Ħ'Attard, jidħlu f'taħdidiet ma' *Infrastructure Malta*. Il-ħsieb hu sabiex, filwaqt li x-xogħol fuq is-*Central Link Project* ikun jista' jitkompla, tiġi salvagwardata l-integrita` tal-istruttura tal-kappella billi jsir xogħol ta' rfid fuqha.

Matul dawn l-ewwel sitt xhur bħala kunsillier, ma naqasx il-kuntatt tiegħi mar-residenti li, minn żmien għal żmien, ressquli xi ilment partikolari li kien jolqothom b'mod personali, jew għamlu xi suġġeriment sabiex titjieb il-ħajja tar-residenti. Għamilt ħilti sabiex inservi ta' vuċi għal dawn ir-residenti billi attendejt u

pparteċipajt regolarment fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali, bil-ħsieb li nrodd lura l-fiduċja li l-poplu ta' Ħ'Attard wera fija.